# Qorti Kriminali

## Imhallef
## Onor. Vincent De Gaetano LL.D.

**Att ta' Akkuza 3/98**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**v.**
**Mario Camilleri**

Illum 11 ta' Gunju, 2001

Il-Qorti:

Rat l-att ta' akkuza numru 3/1998;

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-5 ta' Gunju, 2001 li permezz taghha l-istess Avukat Generali ceda u irtira t-tieni kap tal-Att ta' Akkuza;

Rat ukoll il-verbal, registrat fl-udjenza tas-6 ta' Gunju, 2001, li permezz tieghu l-Avukat Generali irtira l-addebitu tar-recidiva kull fejn dan kien jirrikorri fil-kapi l-ohra tal-istess Att ta' Akkuza;

Semghet, fl-imsemmija udjenza tas-6 ta' Gunju, 2001, lil Mario Camilleri jammetti l-htija tieghu skond l-Att ta' l-Akkuza kif modifikat bin-nota u bil-verbal imsemmi, f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha u, jekk irid, jerga' lura minnha (u dan kif jipprovdi l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali);

Tiddikjara lill-imsemmi Mario Camilleri hati talli biegh jew xort'ohra ttraffika d-droga kokajina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat sar b'diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni, u dan skond l-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati talli kien fil-pussess xjenti tad-droga kokajina bi ksur tal-ligi, b'dan li r-reat sar b'diversi atti, maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, u dan skond it-tielet kap tal-Att ta' Akkuza; tiddikjarah hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon, u dan skond ir-raba' kap tal-Att ta' Akkuza; u tiddikjarah hati wkoll talli gie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon xort'ohra milli b'licenzja, li taghhom ma tax avviz minnufih lill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan skond il-hames kap tal-istess Att ta' Akkuza; tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni kap;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi d-deposizzjonijiet ta' diversi xhieda li jindikaw li l-hati kien, fuq medda ta' zmien, jitraffika regolarment il-kokajina; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza l-fedina penali tal-hati, iz-zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz, l-ammissjoni tieghu u l-linji gwida enuncjati minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-24 ta' Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi* fil-kaz meta jkun

hemm ammissjoni; semghet, fl-udjenza tal-lum, lil mart il-hati li fissret li zewgha kien ammetta maghha li fiz-zmien inkriminat hu kien ukoll jiehu xi droga;

Ikkunsidrat in partikolari li ghar-rigward ta’ l-ewwel kap il-piena skond l-Artikolu 22(2)(a)(i) tal-Kap. 101 hija dik ta’ prigunerija ghall-ghomor. L-istess disposizzjoni, izda, fis-sub-paragrafu (aa), tipprovdi li meta l-Qorti tkun tal-fehma li, tenut kont ta’ certi cirkostanzi imsemmija fl-istess disposizzjoni, il-piena ta’ prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, il-Qorti tista’ tikkundanna lill-hati ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux anqas minn erba’ snin izda mhux izjed minn tletin sena, u multa ta’ mhux anqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira;

Tosserva wkoll li kemm fl-ewwel kap kif ukoll fit-tielet kap l-Avukat Generali talab biss il-konfiska tal-flejjes u proprjeta` mobbli tal-hati, u mhux ukoll il-konfiska tal-proprjeta` immobbli tieghu;Rat l-Artikoli 2, 9, 10(1), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(aa)(ii)(3A)(d) tal-Kap. 101; ir-regola 4 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (Notifikazzjoni tal-Gvern 292/1939); l-Artikoli 3(1) u 9(1)(3) tal-Kap. 66; u l-Artikoli 11, 17(b)(h), 18, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Mario Camilleri ghall-piena ta’ sittax-il (16) sena prigunerija, mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien kollu li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma’ dan il-kaz qabel id-data ta’ l-ammissjoni tieghu (cioe` qabel is-6 ta’ Gunju, 2001), kif ukoll tikkundannah ihallas multa ta’ hamsa w ghoxrin elf lira (Lm25,000) (konvertibbli, skond l-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali, f’sena prigunerija ohra f’kaz ta’ nuqqas ta’ pagament skond il-ligi); tordna l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes u proprjeta` mobbli ohra tal-istess Mario Camilleri, anke jekk l-imsemmija flejjes u proprjeta` mobbli jkunu qeghdin f’xi post barra minn Malta, kif ukoll il-konfiska ta’ l-arma tan-nar u munizzjon imsemmija fir-raba’ u fil-hames kapi; fl-ahharnett tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur, fi zmien xahar mill-lum, is-somma ta’ elf, erba’ mija u sebgha w erbghin lira u erbghin centezmu (Lm1447.40c), spejjez peritali inkorsi f’dawn il-proceduri.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta’ kull droga li talvolta tinsab ezibita taht l-awtorita` taghha in konnessjoni ma’ dan il-kaz, liema distruzzjoni ghandha ssir mir-Registratur tal-Qorti, kemm-il darba l-Avukat Generali ma jindikax, permezz ta’ nota presentata fi zmien gimgha mill-lum, li tali droga hi mehtiega in konnessjoni ma’ xi proceduri ohra. Ir-Registratur ghandu jirredigi *proces-verbal* bid-dettalji tad-distruzzjoni u jinserih fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn tlett gimghat mill-lum.

(ft) Paul Miruzzi
Deputat Registratur